Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAD-DISA' U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 2 ta' Marzu 2010

**Ħin:** Mis-7.09pm sat-8.15pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-7.30pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio

Il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u l-laqgħa bdiet.

Dr. T. DeGiorgio qal li huwa sejjaħ il-laqgħa b'urġenza biex il-Kunsill jiddiskuti xi kwistjonijiet li nqalgħu fuq l-inviti għall-quddiesa u kunċert li ser isiru f'Villa Macedonia fid-19 ta' Marzu 2010 bħala parti mill-attivitajiet ta' Jiem il-Ġonna. Dr. T. DeGiorgio qal li huwa kien issekondat biex titlaqqa din il-laqgħa b'urġenza mill-Kunsillier J. Cassar. Huwa qal ukoll li xtaq ukoll iqajjem il-kwistjoni tan-nominazzjonijiet għal-Ġieħ Ħal Balzan u talab lill-Kunsill biex jiddiskuti din il-materja sakemm jiġi s-Sindku.

**1. Ġieħ Ħal Balzan.**

Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio qal li minħabba l-fatt li ma ngħatatx publiċita' li nfetħu l-applikazzjonijiet għan-nominazzjonijiet għal-Ġieħ Ħal Balzan huwa kien qed jipproponi li jinfetħu l-applikazzjonijiet u li dawn jagħlqu f'nofsinhar ta' nhar il-Erbgħa, 10 ta' Marzu 2010 sabiex jiġu diskussi waqt il-laqgħa tal-Kunsill li ser issir dakinhar stess. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ppropona li għal-futur, fil-bidu ta' kull sena jsir avviż fin-*noticeboards* tal-Kunsill, tintbagħat ċirkolari lill-għaqdiet tar-raħal u jsir avviż mill-Kappillan waqt il-quddies sabiex kulħadd ikun infurmat li fetħu n-nominazzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1. Jiem il-Ġonna.

1. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea qal li għamel *weekend* jirċievi telefonati minn persuni li jixtiequ jattendu għal-quddiesa u kunċert f'Villa Macedonia. Dr. T. DeGiorgio qal li huwa wkoll kien avviċinat b'talbiet.

   Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv informazzjoni dwar kemm joqgħodu siġġiet f'Villa Macedonia. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi skond il-kalkoli tagħha isfel biss joqgħodu 258 siġġu u dan meta tieħu fil-konsiderazzjoni li ser ikun hemm passaġġ fin-nofs u passaġġi fil-ġnub. Hija qalet li tkelmet ma min ser jipprovdi s-siġġijiet biex jgħidilha kemm joqgħodu siġġijiet f'arja ta' 10.5m x 11.5m u dan qal li joqgħodu 234 siġġu. Ma dawn jiżdiedu l-20 siġġu li ser jitqiegħdu fil-ġnub u s-somma tista tgħid li kkonfermata.

   In-numru ta' persuni li diġa ġew mistiedna jammontaw għal-180 li jinkludu 20 post għal-mistiednin ta' l-ambaxxatriċi. Dan ifisser li hemm 78 post li jista jintela u magħhom ngħoddu dawk li jitolbu li jkunu skużati.

   Il-Kunsill unanimament qabel li titħejja lista ta' persuni li jitolbu li jattendu u l-postijiet vakanti jintlew *on a first come first served basis*. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li diġa kien hemm persuni li ċemplu fl-uffiċċju biex jitolbu li jattendu imma ma nżammietx lista ta' dawn l-persuni u tħoss li mhux ġust jekk isiru jafu b'dan. Il-Kunsill innota li ma jista jsir xejn dwar din il-problema u din l-problema nqalet għax kien hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar kemm joqgħodu siġġijiet.

2. Il-Kunsillier J. Cassar qal li ssemmiet il-problema li fis-Sala Aurora ma jistax jsir tisjir. Il-Kunsillier G. Borg qal li huwa tkellem ma ta' l-ITS fejn dawn innutaw li mhux ser isir tisjir imma ser jitgħalla xi ilma għal-demostrazzjoni.

3. Il-Kunsillier G. Borg qal li huwa importanti waqt il-quddiesa, kemm għal-raġunjiet ta' siġurta' kif ukoll biex min jkun għaddej u jieqaf jittawwal, li l-bieb prinċipali ta' Villa Macedonia jitħalla miftuħ.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li xi ħadd staqsa jekk hux ser jkun hemm faċilitajiet sanitarji għal-użu ta' dawk prezenti. Il-Kunsill innota li mhux ħaġa li titqiegħed *mobile kiosk* u għaldaqstant jekk ikun hemm bżonn dak li jkun jista juża l-faċilitajiet pubbliċi li hemm fil-pjazza.

5. Il-Kunsillier G. Borg qal li sab diffikulta' biex isib riġal għal-ambaxxatriċi għalkemm mar ifittex. Il-Kunsillier Dr. T. Degiorgio offra li jmur ħu għand Vascas u jekk il-prezz ikun għoli joffri riklam fis-Sala Aurora waqt l-attivita' biex jinżel il-prezz. Il-Kunsill qabel unanimament.

6. Il-Kunsill unanimament qabel li l-offertorju waqt il-quddies jitella mill-Kunsillieri u flimkien ma l-oġġetti tas-soltu jiġu ppreżentati bandiera ta' Ħal Balzan u l-ktieb "Ħal Balzan".

7. Il-Kunsill unanimament qabel li l-qari bil-Malti jsir mis-Sindku, Dr. J. Zammit Montebello u l-qari bl-ispanjol isir minn membru tal-Kor li taf taqra bl-ispanjol.

8. Il-Kunsillier G. Borg qal li jrid isib xi ħadd biex jipprezent bukkett fjuri lill-ambaxxatriċi. Il-Viċi-Sindku offra li t-tifla ż-żgħira tiegħu tippreżenta l-fjuri u l-Kunsill qabel unanimament.

9. Il-Kunsillier G. Borg qal li hemm bżonn ukoll li nsibu żewġ *ushers*. Il-Viċi-Sindku għandu jieħu ħsieb din il-materja.

**F’dan il-ħin wasal is-Sindku li ħa s-siġġu.**

10. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li jekk ser isiru *drinks* wara li tispiċċa l-banda, s-*security personnel* ikollhom bżonn idumu aktar mill-ħin ippjanat. Il-Kunsill unanimament qabel li l-ħin jiġi estiz b’siegħa, għaldaqstant dan ser jiġi rifless fil-*budget* li tqiegħed fuq il-mejda (mehmuz).

11. Wara li ngħata rendikont ta’ x’kien ġie diskuss aktar kmieni waqt il-laqgħa s-Sindku staqsa x’kien il-ftehiem mal-Kazin San Gabriel. Il-Kunsillier G. Borg qal li l-ftehiem kien li jdoqqu għal-ħlas ta’ €700 u dan id-diskors u ftehiem kien sar waqt laqgħa tal-Forum Balzan. Il-Kunsillier G. Borg qal li qatt ma kienet saret xi wegħda fuq stedin. Is-Sindku qal li kienu qed jgħidu li kienet saret wegħda li jiġu allokati 50 post lill Kazin San Gabriel.

    Wara li l-materja ġiet diskussa mill-Kunsill ġie deċiz b’mod unanimu li jiġi mistieden il-Kumitat Ċentrali tal-Kazin San Gabriel (ħmistax-il persuna) u dan ser isir permezz ta’ ittra li fiha ser issir nota li l-postijiet mhux trasferibbli fuq persuni oħra.

12. Il-Kunsill unanimament qabel ukoll li jiġu mistiedna l-persuni kollha li ngħataw Ġieħ Ħal Balzan u l-President, Viċi-President u Teżorier ta’ l-Għaqda Piroteknika 25 ta’ Marzu.

13. Il-Kunsillier G. Borg informa lill Kunsill illi għandha titħawwel siġra ta’ l-okkazjoni mis-Sindku fil-ġnien tal-*playing field* fis-7.15pm qabel ma tibda ddoqq il-Banda Filarmonika Marija Annunzjata nhar is-Sibt, 20 ta’ Marzu. Is-Sindku ssuġġerixxa li titħawwel siġra tal-bakkaljaw. Il-Kunsill qabel unanimament.

14. Il-Kunsill unanimament qabel li jħallas għal-3 *waiters* peres li wara l-attivita f’Villa Macedonia l-ambaxxatriċi kienet ser tagħmel *drinks*. L-inbid ser tipprovdieħ l-ambaxxatriċi. Għad irridu nikkonsultaw ma l-ambaxxatriċi dwar fejn ezatt ser isiru d-*drinks* peres li ser ikun hemm is-siġġiet u mistiednin fl-arja prinċipali.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 10 ta’Marzu 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data